HAŻ-ŻABBAR
Citta' Hompesch

29 SEP 2020

**MINUTI**

**Laqgħa b'urġenza tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar**

**IT-TMINN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 533**

**Il-Ġimgħa 11 ta' Settembru 2020**

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar, fit-8.10 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Ghislaine Bongailas - Kunsilliera
Angelo Scicluna - Kunsillier
Joseph Vella - Kunsillier
Anna Calleja - Kunsilliera
Joseph Agius - Kunsillier
Patrick Barbara - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI**

Bernice Farrugia - Viċi Sindku
Mark Grech - Kunsillier
Angel Gwyn Louiselle Camilleri - Kunsilliera

**ASSENTI**

Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

**533.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

533.1.1 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tal-Kaptan Patrick Barbara li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku tkun skużata.

533.1.2 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sur Mark Grech fejn talab li jkun skużat milli jattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sinjorina Ghislaine Bongailas, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Mark Grech ikun skużat.

533.1.3 Inqrat ittra ta' apoloġija mibgħuta mis-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri fejn talbet li tkun skużata milli tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Angelo Scicluna li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sinjorina Angel Gwyn Louiselle Camilleri tkun skużata.

**533.2 Permessi tal-Festa 2020**

533.2.1 Peress illi l-laqgħa b'urġenza kienet ser issir wara l-ħin stabbilit għal-laqgħat statutorji tal-Kunsill, is-Sindku talab l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tkun tista' ssir din il-laqgħa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li minħabba n-natura t'urġenza, il-laqgħa bin-numru 533 issir wara l-ħin stabbilit għal-laqgħat statutorji tal-Kunsill.

533.2.2 Is-Sindku qal illi kienet issejħet il-laqgħa b'urġenza sabiex jiddiskutu l-permessi tal-festa 2020. Dan peress illi l-ġurnata ta' qabel, fl-10 ta' Settembru, 2020, f'nofsinhar neqsin għoxrin minuta, il-Kunsill irċieva *email* mingħand l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi din l-Għaqda kienet ser tiġi tapplika għall-permessi ta' tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet f'Misraħ is-Sliem, sabiex jingħata s-servizz ta' ikel u xorb għal 300 mitt persuna. Flimkien ma' din l-*email* kienet intbgħatet kopja tal-korrispondenza li għaddiet bejn l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel u l-*Malta Tourism Authority*. Is-Sindku spjega li skont il-leġislazzjoni sussidjarja 441.04 ebda persuna ma tista' tqiegħed imwejjed jew siġġijiet f'xi triq biex jingħata servizz ta' ikel u xorb f'xi ġurnata, jew ġranet speċjali jew speċifiċi mingħajr il-permess tal-Kunsill Lokali. L-applikant għandu jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu mhux aktar tard minn xahar qabel il-ġurnata jew l-ewwel ġurnata skond il-każ jew f'dak iż-żmien ieħor stabbilit mill-Kunsill Lokali. Is-Sindku qal illi minkejja li din l-Għaqda ma ssottomettietx l-applikazzjoni fiż-żmien stipulat bil-liġi, il-Kunsill xorta waħda kien qed jivverifika din it-talba u żied jgħid li fl-ebda ħin ma nħarġu permessi jew ġew irrifjutati xi permessi kif kien qed jingħad fi stqarrija maħruġa mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel fuq il-midja soċjali. Is-Sur Joseph Agius talab li tinqara l-istqarrija maħruġa mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel. Is-Sindku qara din l-istqarrija. Il-Kaptan Patrick Barbara qal illi f'din l-istqarrija kien issemma illi fost affarijiet oħra diġa kienu ġew ordnati tined, *sanitizer*

*stands* u *mobile toilets*, u li dan kollu kien sar qabel ma ntalab il-permess tal-Kunsill Lokali. Is-Sur Joseph Agius qal illi fl-istqarrija kien intqal li s-Sindku ma kienx ikkonsulta mal-Kunsillieri u żied jgħid li dan ma kienx minnu peress illi dakinhar filgħodu stess, is-Sindku kien qed jikkonsulta mal-Kunsillieri. Is-Sindku qal li minħabba r-regolamenti relatati mal-COVID 19, l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel, fid-9 ta' Settembru fl-10.33 ta' filgħaxija bgħatet ir-rikjest tagħha flimkien ma' *risk assessment* lil *Malta Tourism Authority*, sabiex jinħareġ in-*no objection*, u ftit tal-ħin wara, fl-11.16 ta' filgħaxija, il-*Malta Tourism Authority* bgħatet l-approvazzjoni tagħha. Is-Sindku żied jgħid li għalkemm il-Kunsill seta' ma jikkonsidrax din it-talba peress illi ma kinitx ġiet fiż-żmien stipulat skont il-liġi, xorta waħda ivverifika d-dettalji kollha. Il-Kunsill innota li l-qies tal-pjazza mogħti lil *Malta Tourism Authority* ma kienx korrett peress illi kien ġie ddikjarat li d-daqs tal-pjazza kienet ċirka 1835 metri kwadri, mentri il-qisien tal-pjazza kien ta' madwar 935 metri kwadri. U għaldaqstant ma kienx hemm spazju biżżejjed biex jintramaw imwejjed għal 300 persuna, kif mitlub mir-regolamenti u mill-istruzzjonijiet relatati mal-Covid-19 maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa. Is-Sindku kompla jispjega li l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel mhux biss ma ssottometitx applikazzjoni għall-permess tal-Kunsill fiż-żmien mitlub mil-liġi, iżda wkoll, indikat metraġġi żbaljati lil *Malta Tourism Authority*.

533.2.3 Is-Sur Joseph Vella qal illi kien hemm l-awtoritajiet li jaraw li kull min jarma l-imwejjed u s-siġġijiet jimxi mal-liġi u żied jgħid li l-*Malta Tourism Authority* kienet approvat it-talba tal-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel. Is-Sindku qal illi l-*Malta Tourism Authority* kienet approvat din it-talba fuq metraġġi ħżiena. Barra minn hekk l-MTA kull ma toħroġ kien in-*no objection* u li finalment kien għad irid jinħareġ il-permess tal-Kunsill Lokali. Is-Sindku spjega li skont il-miżuri relatati mal-COVID-19 irid ikun hemm spazju ta' żewġ metri bejn mejda u oħra, b'massimu ta' għaxar persuni ma' kull mejda; u żied jgħid li kienet ir-responsabbiltà tal-Kunsill li ma joħroġx permess ikkalkulat fuq metraġġi ħżiena minħabba l-imxija ta' dan il-*virus*.

533.2.4 Is-Sindku semma li fil-laqgħat preċedenti il-Kunsill kien iddiskuta sabiex l-attivitajiet tal-festa jiġu organizzati bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill u żied jgħid li ma kienx minnu li b'xi mod kien ipprova jirrevoka xi permess. Is-Sindku issuġġerixxa sabiex matul il-ġurnata ta' għada, bejn it-tmienja u d-disgħa ta' filgħodu l-Kunsill jiftaħ l-applikazzjonijiet għall-għaqdiet tal-banda li jkunu nteressati jqiegħdu l-imwejjed u siġġijiet matul il-ġurnata tas-Sibt u l-Ħadd tal-festa.

533.2.5 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-*Malta Tourism Authority* kinitx ħarġet in-*no objection* għal din l-attività. Is-Sindku qal illi n-*no objection* inħareġ fuq metraġġi ħżiena u żied jgħid li d-deċiżjoni tal-Kunsill għandi tittieħed fl-interess tal-lokal.

533.2.6 Il-Kaptan Patrick Barbara staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva talba mis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ sabiex iqiegħdu xi mwejjed u siġġijiet. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv.

533.2.7 Is-Sur Angelo Scicluna qal illi issa ma kienx hemm biżżejjed ħin biex wieħed jorganizza attività u għalhekk talab sabiex il-Kunsill jiddiskuti biss it-talba mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel.

533.2.8 Is-Sur Angelo Scicluna staqsa jekk il-Kunsill kienx ser iħallas għall-kiri tal-imwejjed u s-siġġijiet. Is-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sur Joseph Vella qal illi din il-laqgħa saret sabiex jiġu diskussi il-permessi tal-festa biss.

533.2.9 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li kienet irċeviet messaġġ fuq il-*mobile* tagħha li kien jgħid li l-Għaqda xtaqet tiġi tressaq il-pożizzjoni tagħha. Is-Sur Joseph Vella qal illi dan ma setgħax isir peress illi l-laqgħa kienet diġa bdiet. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi din il-laqgħa ma kellix issir għax il-Kunsillieri ma ġewx avżati minn tlett ijiem qabel. Is-Sur Joseph Vella qal illi s-Sindku għandu dritt isejjaħ laqgħa b'urġenza meta jrid.

533.2.10 Is-Sur Angelo Scicluna talab sabiex jittieħed vot dwar it-talba mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel mingħajr ma ndaħħlu lis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ.

533.2.11 Is-Sindku qal illi huwa kien qed jissuġġerixxi li l-applikazzjonijiet għandhom jinfetħu għaż-żewġ għaqdiet tal-banda.

533.2.12 Is-Sur Joseph Vella qal illi l-Kunsill għandu japprova l-permess għal-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet peress illi diġa kienu nħarġu l-permessi meħtieġa mill-MTA u mill-Pulizija. Is-Sur Vella qal illi kien jaqbel mal-proposta tas-Sindku biex f'każ li jkun hemm għaqda oħra li hija nteressata li tqiegħed l-imwejjed u s-siġġijiet fuq barra sabiex isservi l-ikel u xorb tingħata ċ-ċans li għada tiġi l-Kunsill tagħmel il-permessi meħtieġa.

533.2.13 Is-Sur Angelo Scicluna staqsa jekk kienx ser jingħata l-permess lis-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiæ f'każ li tkun tixtieq tapplika biex tagħlaq Triq is-Santwarju biex tqiegħed l-imwejjed u s-siġġijiet. Is-Sur Joseph Vella qal illi dan jista' jsir f'każ li tinħareġ l-approvazzjoni mill-MTA u mill-entitajiet ikkonċernati. Is-Sur Joseph Vella żied jgħid li l-għaqda tista' tapplika biex tqiegħed l-imwejjed u siġġijiet f'post fejn ma jkunx hemm għalfejn tingħalaq it-triq. Is-Sur Angelo Scicluna staqsa jekk il-Kunsill kienx ser japprova t-tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet għal 300 mitt persuna fuq il-bankina ta' Triq is-Santwarju f'każ li l-MTA toħroġ in-*no objection*.

533.2.14 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk hemmx qbil biex jiġi approvat il-permess li ntbgħat lejliet l-attività għall-tqiegħid ta' mwejjed u siġġijiet sabiex l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel iservu l-ikel u xorb f'Misraħ is-Sliem. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-Kunsill jiddeċiedi dwar kemm kien ser ikun il-metraġġ li ser jintuża sabiex jitqiegħdu l-imwejjed u s-siġġijiet.

533.2.15 Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi l-permess għandu jingħata skont kif ġie approvat mill-*Malta Tourism Authority*. Is-Sindku qal illi l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel fit-talba lil *Malta Tourism Authority* kienu ddikjaraw id-doppju tal-metraġġ li hemm fil-pjazza.

533.2.16 Is-Sindku qal illi skont il-leġislazzjoni sussidjarja 441.004 il-ħlas għal tqiegħid ta' mwejjed u siġġijiet kien ta' €1.16 għal kull metru kwadru għal kull ġurnata u żied jgħid li l-Kunsill m'għandux japprova iktar minn kemm hemm metraġġ fil-pjazza, jiġifieri mhux aktar minn 935 metri kwadri. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa kemm kienu joqgħodu mwejjed u siġġijiet f'dak il-metraġġ.

533.2.17 Is-Sur Angelo Scicluna staqsa jekk l-Għaqda kinitx iddikjarat ammont ħażin lill-*Malta Tourism Authority* fit-talba tagħha.

533.2.18 Is-Sur Joseph Vella ppropona li tkun l-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel li tiddeċiedi dwar l-ammont ta' metraġġ li tixtieq tokkupa. Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi f'każ t'abbuż hemm il-ġustizzja.

533.2.19 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jagħti l-permess għal tqiegħid ta' mwejjed u siġġijiet lill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel fil-pjazza ta' Misraħ is-Sliem, skont id-daqs tal-metraġġ li hemm fil-pjazza li jammonta għal 935 metri kwadri.

533.2.20 Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li matul il-ġurnata tas-Sibt 12 ta' Settembru, 2020 bejn it-8.30 u 11.00 ta' filgħodu il-Kunsill jiftaħ l-applikazzjonijet għal tqiegħid ta' mwejjed u siġġijiet sabiex jingħata s-servizz tal-ikel u xorb, għall-każini tal-banda lokali biss, għal nhar is-Sibt 12 ta' Settembru, 2020 u nhar il-Ħadd 13 ta' Settembru, 2020 suġġettivi għal permessi tal-Awtorità tas-Saħħa u struzzjonijiet tal-Pulizija.

533.2.21 Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillieri preżenti talli attendew għal-laqgħa minkejja il-ħin li ġiet imsejjħa din il-laqgħa. Is-Sur Joseph Vella qal illi kien fid-dmir tal-Kunsillieri li jattendu.

533.2.22 Il-laqgħa spiċċat fid-9.00 ta' filgħaxija.

IFFIRMATA

Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fil-534 laqgħa li saret nhar it- Tnejn, 28 ta' Settembru, 2020.

IFFIRMATA

Jorge Grech
Sindku